MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1194/2008

Laurence Saliba
vs
Bezzina Ship Repair Yard Limited (C8570)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi r-rikorrent Laurence Saliba kien impjegat mas-socjeta` konvenuta;

2. Illi f’incident li sehh nhar is-26 t’Ottubru, tas-sena 2006, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu fuq bacir numru 2 gewwa Bezzina Ship Repair Yard, ir-rikorrent sofra debilita` permanenti kif ser jigi pruvat fil-mori ta’ dan ir-rikors;

3. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali hija unikament responsabbli s-socjeta` konvenuta u dan *stante* li naqset li tiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

4. Illi ghalkemm interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent (Dokument LS1 anness), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-26 ta' Ottubru, 2006 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Laurence Saliba sofra debilita` permanenti;

2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;

3) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-imghax, bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 18 ta' Frar, 2008 u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta Bezzina Ship Repair Yard Limited li biha esponiet:

1. Illi d-domandi tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *stante* li l-incident

in kwistjoni gara tort unikament ta’ l-istess rikorrenti u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

**C. PROVI:**

Fis-seduta datata 26 ta’ Jannar, 2009 Mr. Charles Grixti gie mahtur bhala espert ortopediku.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Ermelinda Saliba</u>, il-mara tar-rikorrent fejn semmiet kemm ir-rikorrent huwa ragel biezel. Fis-26 t’Ottubru, 2006 Lawrence kien mar id-dar u qalilha li kellu incident fuq ix-xoghol meta kien qieghed fuq *yacht* u li dakinhar kien responsabbli biex jara li l-bini ta’ l-i*scaffolding* kien qieghed isir sew. Hin minnhom ghadda minn fuq fallakka li ma kenitx ghadha marbuta (ghaliex ix-xoghol kien ghadu qieghed isir) u gheleb minn fuqha. Spjegalha wkoll li dakinhar hu u shabu kellhom pressjoni kbira minn ta’ fuqhom sabiex ilestu dan l-*iscaffolding* sa’ filghaxija peress li kellhom *deadline* u qalilha wkoll li wiehed mis-superjuri tieghu kien sahansitra qaghad fuq il-post sabiex ikun cert li ma kienux qieghdin jahlu l-hin. Meta ratu mugugh haditu l-emergenza ghax kellu hafna ugigh f’siequ l-leminijja, tant li ma setax isuq. Hadulu wkoll *X-Ray*, u qalulu li kellu bzonn MRI ta’ rkupptu kif ukoll li kellu jaghmel xi fizjoterapija. Kien ikollu jmur ghall-fizjoterapija kull gimgha u baqa’ jigi certifikat *‘not fit for work’*. Kif imbaghad hareg ir-rizultat tal-MRI, Mr. Raymond Gatt iccertifikah tajjeb ghax-xoghol u rega’ beda jmur ghax-xoghol regolarment. Izda baqa’ dejjem jilmenta minn ugigh. Iddecidew li jiehdu t-tieni opinjoni u marru ghand Mr. Esposito li qallu li kellu tliet (3) *injuries* li ghadhom ma fiqux ghal kollox. Infurmahom ukoll li Laurence kellu bilfors jaghmel operazzjoni f’irkobbtu inkella kien ser jibqa’ mugugh u jkompli jaghmel aktar hsara. Peress li l-*waiting list* biex jaghmel din l-operazzjoni l-isptar kienet twila hafna (u qalulhom li kellhom jistennew madwar erba’ (4) snin biex issir), iddecidew li jaghmluha fi sptar privat. Ikkonfermat li wara

diversi xhur, Laurence kien inghata parti mis-somma li kienu hallsu ghal din l-operazzjoni.

Ir-rikorrent ghamel l-operazzjoni fis-17 ta' Ottubru, 2007. Imbaghad, f'Jannar 2008 Lawrence gie certifikat *fit for work* u ovvjament, kien lest li jidhol lura ghax-xoghol, izda mbaghad ircieva ittra minghand Bezzina Ship Repair Yard fejn gie nfurmat li l-impjieg tieghu kien gie terminat, b'effett minn Novembru 2007. Ir-raguni li taw kienet li Lawrence kien abbanduna x-xoghol. Minhabba din ir-raguni li taw, lanqas ma seta' jikkwalifka ghas-servizzi socjali. Ma setghux jifhmu ghaliex kienu qieghdin jallegaw li kien abbanduna x-xoghol u ghalhekk Lawrence appella minn din id-decizjoni quddiem in-*National Employment Authority* (NEA). Wara li raw id-dokumenti kollha u c-certifikati tat-tobba u konsulenti tieghu, il-kaz gie milqugh.

Fit-22 ta' Jannar, 2008, Mr. Ivan Esposito iccertifikah b'5% *permanent disability*. Fil-prezent qieghed jahdem mal-*London Services* bhala *Rental Agent* izda l-introjtu tieghu huwa ferm anqas minn dak li kellu ma' Bezzina Ship Repair Yard Limited. Illum il-gurnata r-rikorrent ma jistax jaghmel it-tip ta' xoghol li kien jaghmel qabel jew tip ta' xoghol iehor li jirrikjedi li jkun fuq saqajh ghal tul ta' zmien. Jista' biss jaghmel xoghol klerikali ghaliex inkella, jerga' jaqbad izid l-ugigh. Fil-fatt jigu granet fejn Lawrence jghidilha li jrid jerga' jaghmel appuntament ghand it-tabib ghaliex minkejja li issa ghamel l-operazzjoni, xorta wahda jkun mugugh. Dejjem jiddeskrivi dan l-ugigh bhala tedjanti. Ma jista' jaghmel ebda manutensjoni tad-dar u anqas jista' jitbaxxa sewwa.

Gie prezentat affidavit ta' Lawrence Saliba, fejn semma li kellu paga *gross* ta' madwar €21,055.21 ekwivalenti ghal Lm9039 (kif inhu evidenzjat mill-FS3 tas-sena 2006 annessa u mmarkata bhala Dok. LS3). Annetta wkoll kopja kopja ta' l-FS3 ghas-sena 2005 u FS3 ghas-sena 2007, immarkati bhala Dok. LS4 u Dok. LS5 rispettivament.

Zied li fis-26 ta' Ottubru, 2006 kien qed jahdem fuq bacir numru tnejn fuq il-*yacht* Lady Good Girl, responsabbli biex

jara li t-tqeghid ta' l-*iscaffolding* kien qieghed isir sew. Semma li kienu maghfsa bil-hin ghax riedu jlestu sa filghaxija ghalkemm ma kellhomx nies bizzejjed. Normalment xoghol bhal dan kien isir f'erbat ijiem u mhux fi ftit sieghat kif kellu jsir dakinhar. Zied li l-*break* kienu qed jehduh wiehed wiehed biex ix-xoghol jitkompla. Dakinhar ftakar li kienu lebsin is-*safety shoes*. Ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu ghadda minn fuq fallakka li ma kenitx marbuta u gheleb minn fuqha. Wehillu s-*safety shoes* ma' musmar li kien hemm fil-fallakka u spicca mdendel rasu 'l isfel. Hass ugigh kbir f'saqajh. Ftakar li kien hemm is-Sur Victor Bezzina u meta hu hares lejh dan dawwar wiccu n-naha l-ohra qisu ma gara xejn. Baqa' jahdem biex ix-xoghol jitlesta fil-hin. Dakinhar kellu jmur *surveyor* biex jiccertifika l-*iscaffolding*.

Wara li mar id-dar kellu jmur l-isptar minhabba l-ugigh f'saqajh. Kellu bzonn il-krozzi, fizjoterapija. Ghall-ewwel kien taht il-professur Raymond Gatt. Kien certifikat *not fit for work* izda wara Mr. Raymond Gatt iccertifikah tajjeb ghax-xoghol. Dahal lura ghax-xoghol fil-11 ta' Lulju, 2007. Baqa' jahdem izda dejjem baqa' jhoss l-ugigh. Mar ghal *second opinion* ghand Mr. Ivan Esposito li qallu li kellu bzonn operazzjoni u minhabba *waiting list* twila ta' xi 4 snin, iddecieda li jaghmilha fi sptar privat St. James Capua. Annetta diversi *invoices* u ricevuti mahruga mill-isptar St. James, immarkati bhala Dok LS9 – Dok LS15. Parti mis-somma ta' l-operazzjoni giet koperta mill-assigurazzjoni tieghu.

Semma li qabel ma ghamel l-operazzjoni baqa' jmur ghax-xoghol ghalkemm mugugh; izda fis-27 ta' Settembru, 2007 kien mugugh aktar mis-soltu u cempel *sick*. It-tabib tax-xoghol tah jumejn *sick*. Baqa' barra sakemm ghamel l-operazzjoni fis-17 ta' Ottubru, 2007. Ma kienx *fit* ghax-xoghol. Imbaghad, f'Jannar 2008 qalulu li kien *fit for work* u ovvjament kien diehel lura, izda mbaghad ircieva ittra minghand Bezzina Ship Repair Yard fejn infurmawh li l-impjieg tieghu kien gie terminat, b'effett minn Novembru 2007. Ir-raguni li tawh kien li abbanduna x-xoghol.

Fit-22 ta' Jannar, 2008, Mr. Ivan Esposito ccertifikah b'5% *permanent disability*. Fil-prezent jahdem mal-London Services bhala *Rental Agent* u ghandu paga ta' €700 fix-xahar u dan minn Marzu 2008. Il-paga hija sewwa anqas izda ma kellux alternattiva ghax ma jistax idum ghal hin twil fuq saqajh. Minhabba d-dizabilita` ma jistax jitbaxxa u anqas jistrapazza ruhu.

Xehed Alfred Navarro li kien jahdem ma' l-attur u semma li jaf li l-attur kellu incident izda ma jiftakarx dettalji. Jaf li l-attur kellu incident. Kien wegga' saqajh f'Bezzina Ship Repair Yard fejn ghadu jahdem sa llum.

Xehed Nazzareno Brincat li kien jahdem ma' l-attur f'Bezzina Ship Repair Yard fejn hu ghadu jahdem sal-lum u kienu qed jarmaw l-i*scaffolding*. L-attur ma kienx *labourer* bhalu izda grad oghla. Semma li dakinhar ta' l-incident ix-xoghol kien ftit mghaggel. Lill-attur ma rahx imwegga'.

Xehed David Saliba in rapprezentanza ta' l-Occupational Health and Safety Authority u mistoqsi rigward l-incident mertu tal-kawza odjerna fejn wegga' fih Lawrence Saliba fil-bacir nru. 2 fil-Bezzina Ship Repair Yard, qal li m'ghandux informazzjoni dwar dan u li l-Awtorita` qatt ma giet infurmata b'dan l-incident minkejja l-obbligu li hemm bil-ligi li tigi nfurmata skond l-A.L.52/1986.

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti li fih ikkonkluda:
"Laurence Saliba sofra '*strain*' fl-irkobba l-leminija f'forma ta' '*twisting injury*' meta waqa minn '*scaffolding*' u fil-process inqabad iz-zarbun mall-fallakka. It-'*twisting injury*' setghet grat fil-mument li nqabdet iz-zarbuna mall-fallakka jew meta nizel ma' l-art.

Kagun ta' dan l-accident Saliba sofra ticrita fil-qarquca tan-naha t'isfel u ta' gewwa tal-*femur* tal-lemin li taghmel parti mill-wicc tal-gog ta' l-irkobba.

Din tista' tikkawza ugigh fl-irkoppa specjalment fil-mixi.

Wiehed irid jikkonsidra wkoll li parti mill-ugigh li ghandu, bhal meta jitla' jew jinzel xi telgha, u l-fatt li ma' jistax jinzel kokka huma kkagunati wkoll minn kondropatija (*patello-femoral chondropathy*) tal-galletta ta' l-irkoppa. Dan huwa forma ta' '*wear and tear*' tal-qarquca tal-galletta ta' l-irkoppa. Minhabba l-hsara fil-qarquca tan-naha ta' gewwa u tan-naha t'isfel tal-*femur* li jaghmel parti mill-gog Saliba ghandu cans li jizviluppa artrite f'dik l-irkoppa qabel iz-zmien.

In konsiderazzjoni ta' dan kollu jiena nistma d-dizabilita` li qed isofri Laurence Saliba kagun ta' l-accident li kellu fid-29 ta' Ottubru, 2006 ta' 4% (erbgha fil-mija)."

Il-Qorti tosserva li l-konvenuta ma gabet ebda provi, anqas ghamlet noti u anqas dehret ghat-trattazzjoni finali. Ir-rikorrent ma pprezenta ebda nota u anqas prospett ta' danni.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1: Fatti fil-qosor:</u>***

Illi l-incident in kwistjoni gara fis-26 ta' Ottubru, 2006 f'Bezzina Ship Repair Yard meta kien qed jigi armat *scaffolding* u r-rikorrent li kien qieghed jissorvelja dawn ix-xogholijiet wehillu musmar ta' fallakka maz-zarbun u kawza ta' dan waqa' b'mod li wegga'. Skond Mr. Grixti, l-espert mediku nominat mill-Qorti, hu sofra dizabilita` ta' 4%.

***<u>D2. Responsabbilta` ghall-incident:</u>***

Hawn ghandna kaz fejn skond ir-rikorrent ix-xoghol kien qed isir b'ritmu aktar mghaggel mis-soltu u li minhabba f'dan zdiedet il-possibbilta` li xi haddiem iwegga'. Barra mir-rikorrent dan gie konfermat mix-xhud Nazzareno Brincat izda li ma tax dik l-importanza kollha fuq dan l-aspett daqs ken ta r-rikorrent. Ma deher hadd mis-socjeta` intimata biezx jaghti xi verzjoni differenti.

Ix-xoghol tar-rikorrent kien propju li jissorvelja li x-xogholijiet isiru sewwa inkluz li jara li l-fallakki jkunu mwahhlin sewwa u li ma jkunx hemm imsiemer jesporgu 'l

barra, u din hija serja hafna minhabba li r-rikorrent wegga' kawza ta' dak li hu kellu suppost jissorvelja. Izda min-naha l-ohra s-socjeta` intimata ma gabet ebda prova jekk kienx hemm haddiema bizzejjed, jekk kellhomx hin sufficjenti biex jahdmu b'mod garbat u provi in difiza taghha.

Meta l-Qorti tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz issib li l-intimata kienet responsabbli ghall-incident izda kien hemm il-kontributorjeta` tar-rikorrent fi kwart ossija 25%.

***D3. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D4. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku

baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss

rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda

li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 44 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 14 ghall-kaz in ezami.

***D5. Paga u gholi tal-hajja:***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent kien qed jaqla' salarju *gross average* ta' €21,055 riferibbli ghas-sena bazi 2006. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal 14-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta' l-incident (€21,055) u dak tal-ahhar salarju (€4,252.92 + €21,055 = €25,307.92) ossia €21,055 + €25,307.92 / 2 = €23,181.46] u jwassal ghal €23,181.46.

***D6. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li

tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:
"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."
Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar, 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"
U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April, 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa’ f’latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f’dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim’Awla, 9 ta’ Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 11 ta’ Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
“*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*”;

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b’differenza mill-kategorija precedenti tibqa’ l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta’ partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta’ Jannar 2002:
“Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta’ xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta’ xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f’kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta’ l-individwu... ”

Principju iehor ta’ importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f’**Butler vs Heard** fejn inghad:

“izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat.”

Huwa logiku li telf ta’ subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta’ ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta’ *lucrum cessans* minn telf f’kaz ta’ persuna normali.

Mir-rapport mediku ta’ Mr. Charles Grixti [a fol 92 tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrent hija ta’ 4%.

***D7. Lump Sum Payment:***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
“jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003. ”

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in fis-26 ta’ Ottubru, 2006 u s-sentenza qed tinghata sitt snin wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta’ 14%.</u>

***D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€21,055] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €23,181.46.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 14. Dan igib l-ammont ta' €324,540.44;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 4% u ghalhekk jammonta ghal €12,981.62;

IV. wara jrid jitnaqqas 14% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €11,164.20;

***D9. Damnum emergens:***

Kawza ta' l-incident ir-rikorrenti kellu jhallas l-isptar €1759.35 skond ir-ricevuti esebiti ghax hemm diversi li huma doppji.

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €12,923.55.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel*" billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 21055 |
| Multiplier | M | 14 |
| Lump sum payment | L | 14 |
| Dizabilita` | D | 4% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €12,923.55 |
| | | |

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi dwar l-eccezzjoni ta' l-intimata li l-incident in kwistjoni gara tort unikament tar-rikorrenti kif kellu jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-Qorti tosserva li l-istess intimata la ghamlet provi u anqas sottomissjonjiiet. Ghall motivi indikati taht "D2" hawn fuq tichad l-istess eccezzjoni, u ghalhekk dejjem fir-responsabbilta` kemm tar-rikorrenti ghall-kwart u ta' l-intimata ghal tliet kwarti, u ghall-istess

konkluzjonijiet hemmhekk milhuqa tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti dejjem fil-kwoti ta' kwart u tliet kwarti.

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' €9,692.67 (tliet kwarti ta' €12,923.55 minhabba l-fatt li l-Qorti sabet kontributorjeta` tar-rikorrent ghall-incident in kwistjoni).

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €9,692.67.

Spejjez, tliet kwarti ghall-intimata u kwart ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------